KLR 39/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 21 t'April 2016 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa, Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membru Joseph Debrincat.

Intqalet it-talba u s-Sindku talab sospensjoni tal-aġenda u ressaq dikjarazzjoni li biha rriżenja minn Sindku. Dan peress li kien involut f'inċident awtomobilistiku u l-probabilita' hi li jitressaq il-Qorti.

Fid-dikjarazzjoni tiegħu tenna li jrid jiddefendi lilu nnifsu b'mod seren u integru. Sabiex il-proċess tal-ġustizzja jieħu l-kors kollu naturali tiegħu fl-ikbar serenita', mingħajr l-ebda' dell jew perċezzjoni ta' biża' jew favur u fl-ikbar liberta' possibli hu ssospenda lilu nnifsu mill-kariga ta' Sindku li effettivament tifsser riżenja. Għalhekk fil-prezent ser ikompli bħala kunsillier indipendenti. Meta jispiċċaw il-proċeduri hu ser jagħmel l-analiżi tiegħu u jieħu d-deċiżjoni finali. Wara din id-dikjarrazzjoni ressaq l-ittra ta' riżenja u l-laqgħa ġiet xolta.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.45.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |